MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru. 43/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Raymond Mericeca ta’ 51 sena, bin ’l Emanuel u ’l Evangelista nee’ Farrugia, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-26 ta’ Dicembru, 1958, residenti fil-fond numru 3, Imper Rose, Triq is-Summien, Kercem u dententur tal-karta tal-identita’ bin-numru 559(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Raymond Mercieca li gie akkuzat talli fil-lejl tad-19 ta’ Marzu, 2010, u erba’ xhur ta’ qabel din id-data, gewwa ghalqa ta’ Triq Marsalforn, limiti taz-Zebbug (Ghawdex), gewwa garaxx go Triq Gajdoru, Xaghra u/jew f’lokalitajiet ohra f’dan il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli;

a) Seraq prodotti agrikoli ghad-detriment ta' George, Mario u Joseph ahwa Attard, liema serq huwa aggravat bil-valur, bin-natura tal-haga misruqa, bil-lok u bil-hin;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta' April 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina pernali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ser jikkumpensa lill-vittmi ghat-telf li huma sefrew;

Inoltre jidher illi l-imputat ghandu bzonn jigi segwit min-nies professjonali sabiex huwa ma jergax jikkometti reati simili;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c) (e) (f) (g), 267, 268, 269 (C), 271 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jew huwa jonqos milli jobdi l-ordni mposta fuqu llum;

Finalment b'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tordna lill-hati jhallas lil George, Mario u Joseph ahwa Attard is-somma ta' mitejn u hamsa tletin ewro (€235) u dana fiz-zmien xahar mil-lum;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------